# ID-DIMOSTRAZZONI TAL-BAMBIN GESU’

Wara li l-pirjol kien ilu jikteb hafna lis-superjuri tieghu dwar kif ser ilahhaq mal-parrocca, fin-naha ta’ fuq ta’ l-Italja, fl-ahhar baghtulhu patri minn Malta biex jghinu fl-appostolat tieghu.

Kien jismu Patri Wistin, patri zaghzugh li kien ghadu jiflah ghat-tahbit,



imma dejjem ferhan. Meta wasal u ntroduca ruhu mal-patrijiet l-ohra qalilhom bit-tbissima: “ Jisimni Patri Wistin, imma tistghu ssejhuli Padre Agostino, ghax issa kif jghidu t-taljani li meta inti Ruma aghmel bhar-rumani. Naqleb ismi. Padre Agostino huwa sinonimu ma’ l-isem Patri Wistin.”

Fil-ftit xhur li kien ilu hemm tghallem li n-nies tar-rahal kienu wisq maqtugha ghalihom infushom. Kulhadd kien jghix ghar-rasu, mill-knisja ghad-dar jew ghax-xoghol u jinqafel lura fid-dar. L-ewwel pass li ghamel fil-parrocca gdida tieghu, kien li jigbor flimkien zaghzagh mfarfra biex jinvolvihom fil-hajja parrokjali.  U billi kien jaf imur hafna maghhom malajr kibru fin-numru u saru hbieb tieghu. Meta kien jinzel Malta ghall-mistrieh mhux biss il-parruccani kienu jistennewh b’herqa lura, imma anke ukoll iz-zaghzagh tieghu. Mieghu kien inizzel xi zewg zaghzagh li kienu joqghodu mieghu fil-kunvent ta’ Malta waqt il-vakanza. Meta jirritornaw kienu jirrakontaw l-esperjenzi sbieh taghhom  lil shabhom li minn naha taghhom kienu jistennew li jkunu huma li s-sena ta’ wara jakkumpanjaw lill-Patri Agostino. Iz-zaghzagh kienu jahilfu bih u tant saru jhobbuh li l-kunvent qatt ma kien ikun nieqes mill-prezenza taghhom. Kienu laqqmuh Don Bosco u dan il-laqam malajr xtered man nies kollha tar-rahal.

Jum wiehed f'Ottubru Padre Agostino avvicina lill-Pirjol u talbu li meta jkollu ftit tac-cans xtaq ikellmu. "Jekk hi haga privata nidhlu fl-ufficju, jekk le immorru flimkien fir-refetorju u nghidu lil Fratello Martino biex jaghmlilna kikkra kafe' ", qallu il-Pirjol.



"Le le  mhix privata. Mela mmorru fir-refetorju u l-kafe naghmlu jien, skont ir-ricetta maltija u zgur li jinzillek ghazel."

Meta waslu fir-refetorju, Padre Agostino, ferra' il-kafe go zewg kikkri, ghamillu ftit imsiemer tal-qronfol u ftit anisetta. "Tassew kif ghidt inti, Padre Agostino, qatt ma kont doqt bhalu" , qallu l-Pirjol hekk kif nizzel l-ewwel boqqa.

U waqt li bela' bela' beda jixrob il-kafe', Padre Agostino beda' hekk:

" Xtaqt li kieku fil-Milied norganizzaw dimostrazzjoni bil-Bambin Gesu' fit-toroq tar-rahal. Naraha opportunita' biex in-nies jiltaqghu u jithaltu flimkien u hekk isiru aktar konxji tal-htigjiet ta' ghajrhom meta jkun jitkellmu. Ftit huma l-okazzjonijiet li jaghmlu hekk hawn f'dan ir-rahal. Knisja, dar u xoghol u lura d-dar."

"U meta ghandek l-hsieb li taghmel din id-dimostrazzjoni?", staqsa l-Pirjol kollu kurzita' ghax l-idea ghogbitu hafna.

"Tkun lejlet lejliet il-Milied, ghal habta tal-5.30p.m u nduru t-toroq tar-rahal bit-tfal igorru l-fanali, l-adulti xemghat f'idejhom u xi zewg muzicisti jdoqqu l-istrumenti taghhom. Ghall habta tas-7.30 p.m. inkunu lest biex in-nies tmur lura f'darha u , tistrieh. "

“Tghogobni hafna, tghogobni hafna,” qallu l-Pirjol b’lehen xi ftit gholi billi entuzjazma ruhu hafna b’din l-idea. Ara jekk tkun trid xi ghajnuna kellimni. Jiena dejjem hawn.”

Padre Agostino kien ferhan ser itir u mill-ewwel beda’ l-preparamenti. L-ewwel ma mar kien ghand Martin l-mastrudaxxa li mieghu kien habib hafna, qishom il-hobza u s-sikkina.

“Martin, ghandi bzonn parir minghandek. Lil kieku kellek tahdimli benniena li fiha joqghod Bambin daqs dak li ghandna fil-knisja tal-kunvent flimkien ma’ bradella mdaqqsa, materjal mhux xi gran che, nahseb ta’ l-injam ta’ l-abjad ikun sodisfacenti, kemm jigu jiswew?”

Minghajr ma qaghad jahsibha wiegbu: “ Ara l-maxtura tigi tiswa’ zero euros u …”

“Ara jiena gejt ghandek mhux biex tahdimli b’xejn imma ghax jiena nafda fik, mhux ser tidhaq bija,” qallu Padre Agostino.

“Imma jiena kif nista’ nohodlok il-flus jekk il-materjal tal-maxtura tipprovdihuli n-natura. Immur fit-tarf tar-rahal taht il-muntanja mimlija sigar u zgur li nsib il-materjal addatat. Rigward il-bradella tigi tiswa’ zero euros ukoll.”

“Le le…..” qallu Padre Agostino, imma Martin pogga subghajh ma’ halqu biex juri lill-patri li ma kellux ghalfejn ikompli jitkellem. U kompla l-mastrudaxxa: “ Meta kelli bzonnok sibtek. Issa gejt bzonni, inti u jiena irrid nahdimlek b’xejn. Nista’ naghmillek dan il-pjacir. Wara kollox inti ma ser tiehu xejn minn dan. Ikun il-kunvent li jgawdi mill-offerta tieghi.”

Padre Agostino irringrazzjah u wara li qallu b’dak li kellu hsieb jaghmel ghall-Milied, talbu biex ghal issa  jzomm fommu sieket halli din l-idea jxandarha l-Pirjol fil-quddies ta’ Novembru.

Il-patri mar lura fil-kunvent kuntent. Issa kien jonqos li jaghmel pubblicita’ ghax kien jemmen li l-ghajta nofs il-bejgh u li javvicina l-muzicisti.

Fl-ufficcju tal-kunvent huwa stampa fuljett b'dak kollu li ried jghid lin-nies tar-rahal. L-ewwelnet heggihom biex jattendu lkoll bhala familja flimkien ma' uliedhom. Hajjarhom li t-tfal jipprovdulhom lanterna jew fanal biex jippartecipaw fid-dimostrazzjoni.  Bit-triply ghamel skuda kbira bil-kliem *E Dio si ha fatto uomo* u gewwa pogga xi lampi li jinxteghlu bil-batterija. Din l-iskuda kienet ser tmexxi id-dimostrazzjoni.

Meta l-pirjol habbar l-avviz li kellha issir dimostrazzjoni bil-Bambin Gesu' Padre Agostino hass li issa kien wasal iz-zmien li javvicina l-muzicisti. Mhux ghax fir-rahal kien hemm xi banda, izda kien jaf li zewg daqqaqa ta' l-akkordjan, kienu jiltaqghu fil-"Bottega della Grappa" u hemm jallegraw lill-patruni bil-muzika ferrihija taghhom kull nhar ta' Hadd filghodu.

Meta avvicinhom accetaw mill-ewwel.

Meta l-Pirjol wasal biex ihabbar l-avviz, Padre Agostino mar ghand il-mastrudaxxa u talbu biex igorrhielu bil-van sal-knisja tal-kunvent. Hemm qieghda taht wahda mill-arkati biex juri lin-nies id-donazzjoni li kien ghamel Martin l-mastrudaxxa. Kull minn mar ghall-quddies kulhadd ammira x-xoghol preciz u bil-ghaqal tal-bradella. Ghalkemm kien xoghol mahdum bl-injam ta' l-abjad, Paolo kien kapaci li bix-xoghol tal-lostru johrog xoghol sabieh hafna.

Issa kollox kien lest ghad-dimostrazzjoni.

---------------------

"Imma kemm ghandek buli, Giovann," qaltlu ommu. " Illum missek tkun ferhan u fuq tieghek, lejlet leljiet il-Milied."

"Kif nista' meta dak li kelli mhejji ghad-dimostrazzjoni sarli suf. Hemm jien ma nistghax immur warajha," qal Giovann kemmxejn qalbu sewda. "Hejjet innu f'gieh Gesu' Bambin biex inkantah bil-kitarra u kollox sarli suf."

“Giovann, inti taf li jekk  nohrog fl-istat li jien niehu rih u ndum inkarkar sa l-ahhar tas-sena bih. Diga ftehmt ma’ huk li jakkumpanjak hu.”

“U le ma, ghax dak ikun impenjat ma’ Patri Agostino.”

Giacomo, huh it-tewmi li kien qed jisma’ kollox, hareg mill-kamra fejn kien qed jirranga xi affarijiet u qallu: “ Ara hi lest li niehdok jien. Rigward il-kumplament niehu hsieb jien.”

Giovann qatt ma seta’ jmur id-dimostrazzjoni li kieku ma kienx ghal huh, billi hu kien ikollu jaghmel uzu mis-siggu tar-rotti. Mit-twelid kellu difett f’saqajh li kienx ihalli jimxi fit-tul.

Il-folla quddiem il-knisja kibret u meta l-pirjol hareg jaghti daqqa t’ghajn ma kienx jistenna attendenza hekk numeruza. Iz-zaghzagh ta’ Patri Agostino kienu jafu x’ghandhom jaghmlu. Qassmu x-xemghat bil-fanali tal-karti lill-kbar u xeghlu l-lanterni tat-tfal.  Lil dawk li kienu zghar hafna tawhom bziezaq ikkuluriti marbuta ma’ subghajhom iz-zghir biex dawn ma jaharbulhomx maz-ziffa tar-rih. Ma’ l-ewwel tokki tal-qampiena l-kbira tal-kunvent, infethu l-bibien u l-Bambin hareg fuq l-ispallejn taz-zaghzagh bil-muzicisti  jdoqqu innijiet tal-Milied fost ic-capcip ta’ dawk prezenti.

Pare Agostino kien idur man-nies jara li kollox sew, minghajr ma jindahal ghax halla kollox f’idejn iz-zaghzagh tieghu. Waqaf hdejn Giacomo u sellimlu: “Ara Giacomo,” qallu Padre Agostino. “Kemm qed niehu pjacir narak. Nittama li hejjejtilna dak li kellimtni fuqu.”

“Iva, Padre. Meta tatini s-sinjal nibda’.

”La naslu fil-pjazza. Issa niehu hsiebek jien,” qallu l-patri, “u huk imur jaghti daqqa t’id lil shabu. F’idejn tajba ser tkun.” U Padre Agostino kien jimbuttah u ghas-sinjal ta’ daqq ta’ qampiena minn wiehed zaghzugh, id-dimostrazzjoni kienet timxi jew tieqaf skont kemm kien id-doqq il-qampiena ; wahda biex tkompli timxi tnejn biex tieqaf.

Meta waslu fil-pjazza tar-rahal kulhadd ingabar madwar il-Bambin u l-kor kanta ghanja tal-Milied, Padre Agostino wera' it-tifsira vera tal-Milied lill-migemgha u l-muzicisti hanxru tnejn l-akkordin. Imbaghad wasal is-sinjal li Giovann kien ilu jistenna. Bil-kitarra f'idu ghanna ghanja lil Gesu' u qallu:

Wassalnik sal-pjazza taghna
Gesu' twajjeb u sabih,
Fost il-ferh ghajjat u brijju,
Li ma jaqta' xejn qatiegh

O Gesu' sbejha tarbija,
Li Inti fostna gibt tant ferh
Itfa' fuqna l-barka tieghek
Sawwab f'qalbna ferh u wens.

Zejjinilek il-knisja taghna
Bil-gulbiena , u ward il-Milied
Poggejnik fid-djar minn taghna
biex il-ferh fina dlonk jizdied.

Ghal dnubietna, hajr noffrilek
talli gejt fostna l-bnedmin
Biex mill-jasar inti tehlisna
Lilna imsejkna midimbin

O Marija, Omm ta' Alla,

Li ma qalbek 'l Gesu' tross sewwa

Thalli qatt li toghtor qalbna

Ghal assalti ta' l-ghedewwa.

Mhux ser nitlaq minn quddiemek

O Gesu' ckejken Bambin

Qabel jiena nsellimellek

u nitolbok li tberikna int kull hin

Dina l-ghanja sejjer nghalaq

Billi naghti x-xewqat

Ghall-Milied u s-Sena l-Gdida

Minn qiegh qalbi lil kulhadd.

Malli temm l-ghanja l-gemgha infexxet iccapcap u hafna resqu fuqu jifirhulu. Padre Agostino cempel tnejn il-qampiena u d-dimostrazzjoni kompliet miexja bil-mod il-mod. Quddiem xi djar fejn kienu jghixu anzjani li ma kienux johorgu barra, kienu jieqfu u jkantaw xi ghanjiet filwaqt li l-patri kien idahhal idu fi xkora li kellu imdendla mas-siggu tar-roti, johrog pakkett u jaghtihulhom.

O x'ferh garrbu dawn ix-xjuh ghal dan il-gest tant sabieh! Meta waslet biex tintemm id-dimostrazzjoni quddiem il-kunvent, xi irgiel spontanjament talbu lill-folla biex tkun generuza billi hwejjeg bhal dawn ma jsirux bix-xejn.

Qabel ma in-nies telqu ma kienx hemm persuna li ma daritx ma Patri Agostino u ferhitlu ta' din l-attivita'. Dehru li lkoll accettaw u hadu gost. "U min ma jiehux gost ikun qrib Gesu' Tarbija! U darb'ohra naghmluha akbar. Nistenniekom ghall-funzjoni ta' billejl ghada lejlet il-Milied," qalilhom il-patri.

Meta kienu fil-kwiet gol-kunvent il-Pirjol mhux biss ferah lil Padre Agostino, izda irringrazzjah wkoll jghidlu. " qatt ma kont nobsor li kont ser tghaqqad lir-rahal taghna."

"U grazzi rrid nghid liz-zaghzagh taghna tac-Cirkolu li hadu hsieb li kollox jimxi sew. U kif weghedt lin-nies darb'ohra naghmluha akbar," qallu Padre Agostino.

"U kif, ghidli ftit. Thallinix bil-kurzita'"

"Wara ndahhlu lin-nies fil-kjostru  u jiehdu xi haga ta' l-ikel, stil Malti, Pirjol. Illum rajna kemm kienu u nahsbu ghalihom."

"Per ezempju? Ghax wiehed irid iqis l-ispiza li toffri l-ikel ghal dik il-kwantita'"

"Tinkwieta xejn Pirjol. Alla hu providenti. Hawn ha dawk li tawni meta ghamlu gabra spontanja. Jiena ma tlabthom xejn. Kien min rajhom li ghamlu dan. Nistghu nghidu lin-nies, ezempju, joffru xi haga zghir ghall-party ta' wara. Tara kif jikkoperaw u jkollok aktar milli tkun hsibt."

"Imma ghidli qabel nidhol norqod x'ikel tradizzjonali  Malti hu dan li ghandek f'mohhok?"

"Xi bicca kejk tajba bhalma jaf jaghmel fratello Gasparre, xi kikkra cikkulata shuna jew imbuljuta."

Il-Pirjol tbissem u t-tnejn dahlu fic-cella taghhom.

U li kieku kellek titawwal mit-toqba tas-serratura tal-bieb tac-cella ta' kull wiehed minnhom, kont tarahom it-tnejn gharkubtejhom jitolbu lil Alla ghal xulxin.